**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**

**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 03 ta' Ottubru, 2024**

**Kawża Numru: 5**

**Rikors Guramentat Numru:- 50/2022 JVC**

**Carol Fenech (KI. 301177M)**

**vs**

**(1)L-Onor. Prim Ministru;**

**(2)Segretarju Permanenti Ewlieni;**

**(3)Segretarju Permanenti Ministeru Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima U L-Ippjanar**

**(4)Segretarju Permanenti Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali u**

**(5)Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti Carol Fenech illi permezz tieghu talbet kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti daħlet taħdem mas-servizz ċivili fis-sena elf disgħa mija sitta u disgħin (1996);
2. Illi matul dawn l-aħħar sitta u għoxrin sena, hi okkupat diversi karigi ta' responsabilità fi ħdan is-serviżż ċivili, fosthom fir-rwol ta' assistenta personali mad-Direttur Sptarijiet, qdiet ukoll ir-responsabilitajiet ta' koordinatriċi tal-*Post Graduate Medical Training Centre* fejn spiċċat minn hemm fil-grad ta' Senior Principal u sussegwentement fis-sena elfejn u sbatax (2017), pprestat servizz fl-OPM, fil-*People and Standards Division* bħala *Compliance Officer*;
3. Illi fl-1 ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-amministrazzjoni għas-servizz pubbliku ħarġet sejħa għall-mili tal-pozizzjoni ta' Assistent Direttur (**Dok CF 1**);

4. Illi r-rikorrenti applikat għal din il-kariga u wara li għaddiet minn proċess tal-għażla, hija ġiet mgħarfa li ssodisfat ir-rekwiżiti kollha tas-sejħa u li ġiet magħżula għal post ta' Assistent Direttur fil-Ministeru għall-Ambjent , Zvilupp Sostenibli u Tibdil fil-Klima, u ffirmat kuntratt għal din il-kariga f' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) applikabbli minn Lulju tal-istess sena (2019) (**Dok CF 2**);

5. Illi mal-ħatra tagħha bħala Assistent Direttur, hi ngħatat diversi responsabilitajiet, fosthom li tikkontribwixxi għat-tħejjija tal-pjanijiet tan-negozju tad-Dipartimenti taħt l-imsemmi Ministeru, tagħmel u tħejji stimi finanzjarji u pjanijiet ta'Riżorsi Umani, tiżgura koerenza organiżżattiva u telimina t-trikkib fl-oqsma tax-xogħol, tmexxi l-funzjonijiet tas-Servizzi Korporattivi fi ħdan id-Dipartiment, iżżomm kuntatt mal-partijiet interessati rilevanti fir-rigward ta' inizjattivi konġunti, tipparteċipa fil-formulazzjoni ta' *policies*, issegwi kontinwament l-istatus tal-*implementation of approved measures*, fost responsabilitajiet oħra (kif jirrizulta aktar dettaljatament fl-anness **Dok CF 3, Annex A**);

6. Illi fil-bidu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) kien hemm tibdil fil-Ministeru, Ministeru ghall-Ambjent, Zvilupp Sostenibli u Tibdil fil-Klima li nqasam f'żewg Ministeri, u r-rikorrenti ġiet taqgħa taħt il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali, fejn kien hemm ukoll tibdil fil-karigi, irriżenja d-Direttur Ġenerali Dr Mario Spiteri u ma nħatarx Direttur Ġenerali (Zvilupp Rurali) ieħor, pero ġie deċiż li sakemm jinħatar Direttur Ġenerali ġdid, Saviour Debono Grech ikun responsabbli sabiex jorganizza dan id-Dipartiment (*internal organisation),* u inħatar fil-kariga ta' Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali, Sharlo Camilleri;

7. Illi r-rikorrenti kellha diga *end of year performance* tajba ta 9% ghall-ewwel ftit xhur li ħadmet fit-2019 f'din ir-responsabilita' u ċioe minn Settembru sa' Diċembru;

8. Illi meta nħatar s-Sur Sharlo Camilleri bħala Segretarju Permanenti u ftit wara beda jieħu ħsieb l-organizzazzjoni tad-Dipartiment is-Sur Debono

Grech, ir-rwol tar-rikorrenti u ċioe r-responsabilitajiet li jiġu b' tali rwol ittieħdu mingħandha u minkejja l-ħatra tagħha fis-sena preċedenti u r-responsabilitajiet li ġew b'tali pożizzjoni, ir-rikorrenti ġiet imwarrba minn deċiżjonijiet dwar responsabilitajiet li kjarament kienu jaqgħu taħt ir-responsabilità tagħha;

9. Illi sussegwentement whud minn dawn ir-responabilitajiet, b'ordni diretta mis-Superjur tagħha, Saviour Debono Grech, ingħataw lill-kollega tax-xogħol, kollega li kienet tokkupa b'kariga inferjuri għal dik li kellha r-rikorrenti;

10. Illi ma kien hemm l-ebda raġuni oġġettiva 'l għaliex kellhom jitnaqsu r-responsabilitajiet tagħha bħala Assistent Direttur; Illi r-rikorrenti ġiet infurmata li hi kienet se tibda tieħu ħsieb ticcentralizza il-*Corporate Services* biss, li sa' Marzu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) ma kienx għadu stabbilit;

11. Illi r-rikorrenti ppruvat diversi drabi matul ix-xhur sabiex tipprova tirrimedja s-sitwazzjoni, u tiġi nvoluta fir-responsabilitajiet li kienet ingħatat mal-ħatra tagħha u li kellhom Assistenti Diretturi oħrajn pero sabet ħajt ta' resistenza u dan mingħajr raġuni u jew spjegazzjoni

12. Illi r-rikorrenti kienet inkwetata bis-sitwazzjoni u kkomunikat ma' diversi persuni fl-istess kariga, kif ukoll spjegat dan lill-istess Segretarju Permanenti fis-6 ta' Mejju 2020 (**Dok CF 4**);

13. Illi Sharlo Camilleri fil-karigu tiegħu bħala Segretarju Permanenti, minkejja li kien infurmat li r-responsabbilitajiet fir-rwol tar-rikorrenti tnaqqsu b'mod sinifikanti u li kienet qiegħda tiġi ttratata differenti minn ħadd ieħor, ma għamel xejn anzi nfurma r-rikorrenti sabiex tieqaf tipprova tagħmel dak li kien miktub fil-*job description* u tiffoka fuq ir-responsabilitajiet li ngħatat u ċioe tiċċentralizza *Corporate Services* u tibda taħdem bil-mod, u jekk tibqa tikseb il-fiduċja tiegħu u ta' Debono Grech, imbagħad is-sitwazzjoni tiġi evalwata mill-ġdid **(Dok CF 5)**;

14. Illi minkejja li l-promozzjonijiet u r-responsabilitajiet fis-settur ċivili jingħataw minn struttura ferm ogħla minn dak Ministerjali, l-istess Superjuri mingħajr l-ebda awtorità, ddeċidew huma x'kien se jikkonsisti

lir-rwol tar-rikorrenti fil-Ministeru, dak li kellha tagħmel u dak li ma riduwiex tagħmel;

15. Illi kien evidenti li r-rikorrenti bdiet tiġi ttratata b'mod differenti u dan meta kkumparat ma' Assistenti Diretturi oħrajn;

16. Illi din l-Onorabbli Qorti, fil-kawża **Victoria Cassar vs Awtorita Marittima ta' Malta et** (2 ta' Novembru 2001 per Imhallef Raymond C. Pace), ikkristalizżat il-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-prinċipju ta' diskriminazzjoni, fejn tenniet li:

*'Illi skond is-sentenza fl-ismijiet **Katerina Cachia vs Direttur Ġenerali tas-Saħħa (per Imħallef V.D.G 11 ta' Awwissu 2000)** ingħad illi :-*

*"l-aktar definizzjoni cara ta' xi tfisser "diskriminazzjoni" f'dan il-kuntest inghatat mill-Qorti Ewropeja fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Settembru 1995, fil-kawza fl-ismijiet **"Spadea and Scalabrino vs Italy".** Dik il-Qorti qalet hekk: Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in 'relevantly' similar situations are treated differently.*

*Illi fil-ktieb **"Civil Liberties",** Helen Fenwick iddiskreviet is-sinifikat ta' diskriminazzjoni hekk:-*

*"One of the main themes in human rights jurisprudence concerns the duty of the states to treat citizens with equal concern and respect. This does not mean that no differentiation between citizens may occur but that inequality of treatment should not be based on factors which do not jusitfy it. Thus, discrimination may be defined as morally unjustifiable as opposed to justifiable differentiation..."*

*Illi għalkemm dawn il-kwotazzjonijiet qed jirreferu għall-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja,** fl-oppinjoni ta' din il-Qorti, tali definizzjoni tapplika wkoll għall-**artikolu kostituzzjonali taht ezami**, u fil-fatt dan l-istess sinifikat gie abbraccjat mill-gurisprudenża nostrali għall- kazi li jaqaw taht l-**artikolu 45 tal-Kap 1.***

*Illi ineffetti fis-sentenza "**Angelo Xuereb vs Kummissarju tal-Pulizija** (Q.K 17 ta' Frar 1999) inghad li jkun hemm diskriminazzjoni meta (1) kazijiet ugwali jew persuni f' sitwazzjonijiet ugwali; (2) jigu ttrattati b'mod differenti (inkluz permezz tal-imposizzjoni ta' inkapacitajiet jew restrizzjonijiet jew l-għoti ta'*

*privileggi jew vantaggi); (3) meta ma jkunx hemm bazi objettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti (tali bazi objettiva u ragonevoli tigi nieqsa meta t-trattament differenti jkun attribwibbli ghal kollox jew principalment minhabba r-razza, il-post ta' origini, l-opinjonijiet politici, ecc … tal-persuni); jew (4) jekk ma jkunx hemm rapport ragonevoli ta' proporzjonalita` bejn il-mezzi mpjegati u l-iskop vizwalizzat.'*

17. Illi r-rikorrenti qatt ma ġiet infurmata li kien hemm xi tip ta' lment jew prova li ma kinitx qiegħda tagħmel xogħolha kif kien rikjest;

*'Illi fil-**Belgian Linguistic Case** (E.H.R.R. 241; Feb 9, 1967) il-Qorti Ewropeja stabbilit il-kriterji jekk differenza fi trattament tmurx kontra l-Artikolu 14, u pprovdiet illi:*

*"… the principle of equality of treatment is violated if the distinction has no objective and reasonable justification. The existence of such a justification must be assessed in relation to the aim and effect of the measure under consideration, regard being had to the principles which normally prevail in democratic societies. A difference of treatment in the exercise of a right laid down in the Convention must not only pursue a legitimate aim: Article 14 is likewise violated when it is clearly established that there is no reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised."*

18. Illi meta mistoqsi jekk ħass il-bżonn sabiex din is-sitwazzjoni tiġi investigata u dan għaliex mhix normali li r-responsabilitajiet jittieħdu minn impjegat f'rwol maniġerjali mingħajr ebda raġuni valida jew provi dokumentarji, is-Segretarju Permanenti Camilleri spjega li ma kellux għalfejn jinvestiga x'kien seħħ <u>u dan għaliex kien jaf lir-rikorrenti minn qabel ma bdiet taħdem f'dan il-Ministeru u kien konvint mill-attitudni tagħha</u> **(Dok CF 5)**;

19. Illi kien evidenti li l-impjieg tar-rikorrenti kien qed jiġi ppreġudikat minħabba l-impressjoni li kellhom s-Superjuri tagħha;

20. Illi sabiex jipprova jispjega lir-rikorrenti x'ried mingħandha bħala Assistent Direttur, is-Segretarju Permanenti Camilleri uża l-kelma <u>"bidilla"</u> u ċioe li tagħmel biss dak li jgħidilha hu jew is-Sur Debono Grech **(Dok CF 5 u 6)**;

21. Illi dan juri l-mentalita meskina u l-attitudni derogatorja tat-tmexxija li kien hemm fil-konfront tar-rikorrenti, attitudni paternalistiku li ankrat fil-bidu tas-seklu dsatax u ma aġġjornax għaz-żminijiet tal-lum li jpoggu d-drittijiet tan-nisa fuq l-istess pedestal tal-irġiel ;

22. Illi sussegwentement fit-30 ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), mingħajr ebda pre avviż, mingħajr ebda proċedura jew forma ta' kommunikazzjoni, ir-rikorrenti rċeviet ittra ffirmata mis-Segretarju Permanenti Camilleri, fejn ġiet infurmata li kien qed jirrakomanda li jittermina l-impjieg tagħha abbażi ta' nuqqasijiet fl-eżegwiment tar-responsabilitajiet lilha mgħotija;

23. Illi filwaqt li ġiet mgħarfa li kellha dritt ta' appell quddiem il-Kummissjoni għas-Serviżż Pubbliku, dritt li eżerċitat mingħajr suċċess, dan id-dritt ukoll kien kolpit minn nuqqasijiet kbar li jrendu l-istess proċess monk mill-lat ta' ġustizzja naturali u drittijiet fondamentali tal-bniedem;

24. Illi sal-lum il-ġurnata, l-istess Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku jirrifjuta li jgħaddi lill-istess rikorrenti kopji tal-inkartament li jiffurmaw parti minn dan il-proċess, kif setgħet r-rikorrenti, tiddefendi lilha innifisha quddiem il- Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku jekk ma kinitx taf dak li qed jiġi allegat fil-konfront tagħha matul dan il-proċess;

25. Illi l-unika kolpa li ġġorr ir-rikorrenti hija li hi metikoluża, dedikata u puntiljuza fuq ix-xogħol tagħha għal dawk li huma responsabilitajiet u intervenjiet diversi drabi sabiex tiġbed l-attenzjoni sabiex tiġi involuta fil-miżuri tal-*budget* u sabiex tingħata kopja tagħhom u/jew <u>sabiex tirradrizza l-affarijiet li ma kienux qed isiru skond il-proċeduri, ħaġa li evidentement urtat uħud minn ta' madwara li riedu *mano libera* fl-amministrazzjoni tagħhom</u>;

26. Illi ma hemm l-ebda dubju li t-tmexxija tad-Dipartiment li fiha hi kienet teżerċita r-responsabilitajiet ta' Assistent Direttur, ittrattawha b'mod diskriminatorju;

27. Illi kemm il-fatti, kif ukoll mill-evidenza ċirkostanzjali jirriżulta ampjament li r-rikorrenti ġiet iddiskriminata matul l-impjieg tagħha, u

dan lil hinn minn dak li tistipula l-istess liġi u regoli li jirregolaw is-servizz ċivili, u li bihom l-istess Direttur Ġenerali, Segretarju Permanenti, Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku kien marbut bihom, kif se jiġi ppruvat dettaljatament waqt dawn il-proċeduri;

28. Illi d-diskriminazzjoni li ġiet perpetrata fil-konfront tagħha rriżultat f'telf fil-patrimonju tagħha, senjatament ta' salarju fuq *scale 5* (massimu) għall-erbgħa (4) snin inkluz l-*allowances* inklużi ma din il-pożizzjoni, li jammonta wkoll għall-ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Għaldaqstant l-esponenti, filwaqt li tirriserva li tressaq dawk il-provi kollha permessi mil-liġi , titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex;

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li fil-konfront tar-rikorrenti l-intimati jew min minnhom agixxew b' mod diskriminatorju u dan mingħajr ebda raġjonevolità u oġġettività fil-konfront tar-rikorrenti;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li fil-konfront tar-rikorrenti l-intimati jew min minnhom ledew id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti *inter alia* f'artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja (L-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta), kif ukoll l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-artikolu 1 tal-ewwel protokol tal-istess Konvenzjoni, flimkien mal-artikoli 37 tal-Kostituzzjoni;

3. Tagħti in segwitu, ir-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrulha xierqa u opportuni fis-sitwazzjoni;

4. Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, ukoll ai termini tal-liġi;

5. Tiddikjara l-intimati jew min minnhom responsabbli għad-danni li sofriet konsistenti fil-paga li tilfet rizulatat tat-terminazzjoni prematura tal-inkariku lilha mgħoti;

6. Tikkundanna l-intimati, jew min minnhom jħallsu l-istess danni likwidati.

Bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern sad-data effettiv tal-pagament, bl-ispejjeż kontra l-intimati li jibqgħu minn issa nġunti għas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta konġunta tas-Segretarju Permanenti Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar u tas-Segretarju Permanenti Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali li taqra kif isegwi:

1. 'Illi *in limine litis*, jibda sabiex jingħad li ai termini tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent Segretarju Permanenti Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar ċertament **mhux il-leġittimu kontradittur** sabiex iwieġeb għall-ilmenti tar-rikorrenti. Minn qari tar-rikors promotur, huwa pależ illi dak li qed tilmenta dwaru r-rikorrenti f'dawn il-proċeduri huwa l-aġir u d-deċiżjoni li wasslu għat-terminazzjoni tal-kuntratt tal-impjieg tagħha. Minn kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, ir-rikorrenti kienet effettivament impjegata mal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali, u konsegwentement is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar la ħa u lanqas kellu l-*vires* li jieħu xi deċiżjoni fir-rigward tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti. L-esponent ġie għalhekk imħarrek f'dawn il-proċeduri inutilment u jsegwi għalhekk illi għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u <u>in linea preliminari</u>, din il-kawża hija waħda **intempestiva** stante li r-rikorrenti diġa' fetħet proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kontra l-intimati kollha bl-esklużjoni tas-Segretarju Permanenti Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali, liema proċeduri għadhom fi stadju bikri iżda huma msejsin fuq l-istess fatti;

3. Illi in oltre, r-rikorrenti qed tinqeda bi proċeduri ta' natura kostituzzjonali sabiex taċċeddi għal rimedju ta' natura ċivili, u dan meta jeżistu fora oħrajn li fihom ir-rikorrenti setgħat tressaq l-azzjoni tagħha. Il-lanjanza tar-rikorrenti, irrispettivament mil-libsa

li tipprova tlibbisha, hija dik li wara li ħadet promozzjoni għall-kariga ta' assistent direttur, waqt il-perjodu ta' prova (*probation*), ingħatat dimozzjoni għas-*substantive grade* li kienet tokkupa qabel, u għalhekk huwa ċar kristall illi r-rikorrenti naqset milli teżawrixxi r-**rimedji ordinarji disponibbli**. Fl-umli opinjoni tal-esponenti, isegwi għalhekk illi din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi preliminarjament ukoll, ir-rikorrenti għanda tispjega aħjar b'liema mod, allegatament, ġie miksur id-dritt sanċit permezz tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea stante li r-rikors promotur huwa nieqas mir-raġuni tal-istess allegat ksur, tant li f'dan l-istadju l-esponenti ma humiex f'qagħda li jressqu eċċezzjonijiet fuq l-istess, u għalhekk minn issa qegħdin jirriservaw li jagħmlu eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-ħtieġa;

5. Illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għal kull kjarifika rikjesta, l-allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu esposti mingħajr preġudizzju għal xulxin;

6. Illi fattwalment qed jiġi sottomess:

   6.1 Illi permezz ta' ittra datata t-30 ta' Ġunju 2020, ir-rikorrenti ġiet infurmata li l-esponent Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Agrikoltura, s-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali kellu l-intenzjoni illi jittermina l-*probation period in the position of Assistant Director (Rural Development)* għar-raġunijiet ta' "*unsatisfactory performance and unprofessional behaviour*". Illi din l-ittra kienet iffirmata mis-Segretarju Permanenti Ministeru Agrikoltura, Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali Sharlo Camilleri (*vide Dok PS1);*

6.2Illi l-ittra ta' terminazzjoni tal-perjodu ta' probation kienet tipprovdi illi r-rikorrenti kellha żmien tappella mill-intenzjoni li kienet ikkomunikata lilha billi tintavola appell fi żmien għaxart ijiem mal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku;

6.3Illi r-rikorrenti effettivament intavolat appell mal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, liema proċeduri wasslu għal rakomandazzjoni sabiex l-inkarigu tar-rikorrenti jiġi tterminat;

6.4Illi skont il-proċedura tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, l-istess Kummissjoni żammet numru ta' seduti sabiex tisma' l-każ, u r-rikorrenti kellha l-opportunita' tressaq il-provi tagħha u tkun assistita minn rappreżentant legali;

6.5Illi wara dawn il-proċeduri, permezz ta' email tas-Segretarju Permanenti Ewlieni datata s-6 ta' Jannar 2021, ir-rikorrenti ġiet infurmata bis-segwenti (vide Dok PS2):

> *I would like to inform you that the recommendation of the Public Service Commission for the termination of probationary period has been accepted with effect from 3rd December 2020.*
>
> *In this regard, your performance agreement as Assistant Director in the Rural Development Department within the Ministry for Agriculture, Fisheries, Food and Animal Rights, is being considered as terminated.*
>
> *This Agreement was brought to a close as a result of PSC case with Ref No. 10/2020/2.*
>
> *This means that as stipulated in your Performance Agreement, you shall now revert to your substantive grade.*

6.6Illi dak li effettivament ġie tterminat <u>ma kienx l-impjieg tar-rikorrenti minn mas-servizz pubbliku, imma l-kariga tagħha ta' Assistent Direttur;</u>

6.7Illi l-mertu ta' jekk l-inkarigu tar-rikorrenti kellux jiġi tterminat ġie indirizzat fil-proċeduri tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku;

6.8Illi wara li r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku sabiex jiġi tterminat il-perjodu ta' probation ġiet aċċettata, u ċioe' fl-14 ta' Jannar 2021, ir-rikorrenti intavolat ilment mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza ("NCPE") kontra l-esponent Segretarju Permanenti Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u Drittijiet tal-Annimali nnifsu, is-Sur Sharlo Camilleri, u kontra s-Sur Saviour Debono Grech li kien jaħdem flimkien mar-rikorrenti;

6.9Illi *de facto* r-rikorrenti għamlet referenza lejn ċertu xhieda mogħtija quddiem l-NCPE mal-intavolar tar-rikors odjern, <u>pero' għandu jingħad</u> li nhar l-4 ta' Frar 2022, l-NCPE ddeċidiet fuq l-ilment tar-rikorrenti billi kkonstatat li fil-fatt, ir-rikorrenti **<u>ma sofriet ebda diskriminazzjoni</u>** (vide Dok PS3):

*Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissarju qegħda* ***<u>tiċħad l-ilment tal-ilmentatriċi.</u>***

6.10 Illi in oltre, kif diġa' indikat, ir-rikorrenti intavolat proċeduri oħrajn quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Rik. Nru. 61/2021 CG);

7. Illi b'referenza għall-ewwel talba attriċi, qiegħda tiġi respinta kategorikament l-allegazzjoni li kien hemm xi aġir diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti:

   i. Kemm mill-esponent Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar stante illi l-fatti esposti mir-rikorrenti m'humiex diretti lejh jew lejn impjegati fi ħdanu, u stante illi lanqas kien hu li ttermina l-impjieg tar-rikorrenti jew li rrakkomanda li tali impjieg jiġi tterminat;

   ii. Kif ukoll mill-esponent Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali stante illi kif ser jiġi ppruvat u hekk kif diġa' ġie deċiż mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, l-esponent u l-impjegati tiegħu imxew b'mod korrett mar-rikorrenti fil-qadi ta' dmirijiethom;

8. Illi b'referenza għat-tieni talba attriċi, l-esponenti jirrilevaw illi din ċertament ma tistax tiġi milqugħa minn din l-Onorabbli Qorti stante illi oltre l-fatt li ma seħħet ebda diskriminazzjoni, l-artikolu 14 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea li tagħmel referenza għalih ir-rikorrenti ma jeżistix. Di piu', anke jekk ir-rikorrenti qed tagħmel referenza għall-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, it-talba tagħha xorta ma tistax tintlaqa' minn din l-Onorabbli Qorti stante li hija naqset milli tindika b'mod konkret ma' liema dritt fundamentali qiegħda torbot l-allegata diskriminazzjoni taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea;

9. Illi b'referenza għat-tieni talba attriċi, u partikolarment għall-allegat ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll, jiġi sottomess illi l-ipoteżi tar-rikorrenti li l-allegata diskriminazzjoni wasslitha għal telf ta' xi *allowances* hija waħda;

10. Illi di piu' u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jissottomettu illi kemm l-artikolu 37 u kemm l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll ma humiex applikabbli stante li t-telf li tilmenta minnu r-rikorrenti ma jaqax fil-parametri ta' possediment. Illi in oltre, la l-artikolu 37 u lanqas l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll ma jissalvagwardjaw xi dritt li individwu jakkwista proprjeta' (*vide Denisov v. Ukraine [GC] 2018, Ian Edgar (Liverpool) Ltd v. the United Kingdom (dec.) 2000; Wendenburg and Others v. Germany (dec.); Levänen and Others v. Finland (dec.) 2006; Anheuser-Busch Inc. v. Portugal 2007;*

11. Illi b'referenza għat-talbiet għal rimedju, kumpens u danni, la darba m'hemmx ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, isegwi illi tali talbiet ma jimmeritawx li jintlaqgħu u għalhekk għandhom jiġu miċħuda;

12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

GĦALDAQSTANT, l-esponenti huma tal-umli fehma li t-talbiet kif dedotti ma jimmeritawx li jintlaqgħu u għalhekk jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofriet l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.'

Rat ir-risposta konġunta tal-Onor. Prim Ministru, tas-Segretajru Permanenti Ewlieni u tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament, l-esponenti jeċepixxu illi l-azzjoni odjerna hija **intempestiva u prematura** ġialadarba r-rikorrenti għażlet illi tipproċedi b'azzjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fejn talbet inter alia t-tħassir tal-att amministrattiv

li wassal għat-terminazzjoni tal-kuntratt ta' impjieg tagħha, liema proċeduri għadhom pendenti f'dan l-istadju. Għaldaqstant, jista' jagħti l-każ illi t-Tribunal jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jiddikjara d-deċiżjoni meħuda fil-konfront tar-rikorrenti nulla, li jġib fix-xejn l-ilmenti kostituzzjonali u konvenzjonali mqajma f'dawn il-proċeduri;

Mhux hekk biss, ir-rikorrenti għandha wkoll id-dritt tal-appell minn dik is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva;

Għalhekk sakemm ir-rikorrenti għad għandha dawn l-għodda proċedurali f'idejha, mhuwiex indikattiv li jingħata s-sopravvent lil dawn il-proċeduri straordinarji;

2. Illi preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti jeċċepixxu illi r-rikorrenti kellha wkoll rimedju ordinarji effettiv ieħor li setgħet għamlet użu minnu qabel ma fetħet dawn il-proċeduri. Dan qiegħed jingħad l-iżjed fid-dawl tal-fatt illi l-esponenti qajmu l-eċċezzjoni tal-inkompetenza *ratione materie* tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiv fil-proċeduri msemmija hawn fuq;

   Di fatti, ir-rikorrenti setgħet inqdiet bir-**rimedju ordinarju effettiv** li tressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' att amministrattiv *ai termini* tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fi żmien perentorju ta' sitt xhur mid-data ta' meta saret taf bid-deċiżjoni in kwistjoni;

   Illi jsegwi għalhekk illi ladarba r-rikorrenti kellha l-fakolta' illi tressaq din l-azzjoni, ir-rikorrenti ma tistax issa tagħmel użu mill-fakolta' ta' dawn il-proċeduri speċjali u straordinarji fejn **fl-aħħar mill-aħħar dak li qiegħda titlob huwa stħarriġ ta' att amministrattiv imlibbes bħala lanjanza kostituzzjonali u konvenzjonali;**

Din l-Onorabbli Qorti għalhekk għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha f'dan il-każ u dan *ai termini* tal-**Artikolu 46(2)** tal-Kostituzzjoni u l-proviso għall-**Artikolu 4(2)** tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tat-tieni talba tar-rikorrenti, sa fejn ir-rikorrenti titlob illi tinstab leżjoni tad-dritt tagħha kif sanċit *"f'artikolu 14 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja"*, **dan l-artikolu ma jeżistix** u għaldaqstant din il-parti ta' din it-talba ċertament ma tista' qatt tintlaqa' minn dina l-Onorabbli Qorti;

4. Illi fil-mertu, l-esponenti jeċċepixxu illi l-fatti kif dikjarati mir-rikorrenti qegħdin jiġu kkontestati stante li ma seħħet l-ebda irregolarita' jew illegalita' min-naħa tal-esponenti fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrenti;

5. Illi fil-qosor ser jingħad dak li ġara f'dan il-każ fejn jidħol l-involviment tal-esponenti. Illi fl-ewwel lok jingħad illi l-proċess tal-ħatriet taħt il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali fejn kienet tokkupa l-kariga tagħha r-rikorrenti huwa delegat ai termini tal-Artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni;

   Illi nhar id-9 ta' Lulju 2020, ir-rikorrenti tramite l-avukat tagħha ssottomettiet appell quddiem il-Kummissjoni esponenti fejn ikkontestat it-terminazzjoni tagħha mill-kariga ta' Assistent Direttur (Rural Development) datata 30 Ġunju 2020, liema deċiżjoni ta' terminazzjoni kienet ittieħdet waqt iż-żmien ta' prova (probationary period) tar-rikorrenti, mis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali;

   Illi wara li l-Kummissjoni semgħet lill-partijiet, il-Kummissjoni dehrilha illi t-terminazzjoni kellha tiġi kkonfermata, u għalhekk

għamlet tali rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru (ara dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok A) li min-naħa tiegħu approva r-rakommandazzjoni. Dan ġie kkomunikat lir-rikorrenti permezz ta' email datata 6 ta' Jannar 2021 (ara dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok B). Abbażi ta' din id-deċiżjoni, ir-rikorrenti rrivertiet għall-grad sostantiv tagħha skont il-Performance Agreement, b'effett mit-3 ta' Diċembru 2020;

6. Illi fir-rikors in risposta, ir-rikorrenti tisħaq illi l-proċess ta' appell quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kien "*monk mil-lat ta' ġustizzja naturali u drittijiet fondamentali tal-bniedem*";

   F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok jingħad illi t-talbiet biex tinstab leżjoni ta' xi drittijiet tar-rikorrenti da parti tal-Kummissjoni odjerna huma nebolużi għall-aħħar. Dan għaliex minkejja illi jissemmew allegati nuqqasijiet da parti tal-proċess quddiem il-Kummissjoni, ir-rikorrenti finalment qiegħda tilmenta minn ksur ta' drittijiet fundamentali tagħha f'dak li għandu x'jaqsam ma' diskriminazzjoni, dritt għar-rispett lejn il-ħajja privata, u dritt għall-protezzjoni tal-proprjeta', liema drittijiet ma jirriżultax mill-premessi kif qatt setgħu ġew leżi mill-Kummissjoni esponenti;

   Illi fit-tieni lok, l-involviment tal-Kummissjoni esponenti f'każijiet bħal dawn huwa limitat sabiex tagħti rakommandazzjoni lill-Prim Ministru, wara li tisma' lill-partijiet, rigward il-fehma tagħha jekk it-terminazzjoni saritx fuq bażi legali o meno. Illi dan kollu sar *ai termini* tal-liġijiet viġenti u l-linji gwida applikabbli, u b'rispett lejn il-prinċipji tal-ġustizzja naturali u tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti;

   Illi l-Kummissjoni esponenti semgħet lill-partijiet permezz ta' *oral hearing* li nżamm nhar is-27 ta' Awissu 2020. Din id-data ġiet debitament notifikata liż-żewġ partijiet, li fil-fatt attendew u kienu akkompanjati mir-rappreżentanti legali tagħhom. Iż-żewġ partijiet ingħataw l-opportunita' illi jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom.

Għalhekk jirriżulta pjenement ċar illi l-Kummissjoni esponenti aġixxiet b'ħarsien tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali u drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

7. Illi fi kwalunkwe każ, fir-rigward tal-allegata diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti, sabiex ir-rikorrenti tista' tallega li ġie leż id-dritt fundamentali tagħha ai termini tal-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni**, triq tipprova li saret **diskriminazzjoni fuq bażi ta' 'like with like'** u dan għaliex mhux kull aġir huwa wieħed diskriminatorju. Apparti minn hekk hija jeħtiġilha li tinkwadra l-ilment tagħha taħt waħda mill-irjus ta' diskriminazzjoni li għalihom jirreferi l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni bħalma huma razza, post ta' oriġini, fehmiet politiċi, kulur, fidi, sess jew orjentament sesswali. Illi fil-każ odjern, ir-rikorrenti b'ebda mod ma wriet illi saret xi diskriminazzjoni magħha da parti tal-Kummissjoni esponenti fuq bażi ta' like-with-like meta kkumparat ma' appellanti oħra u naqset milli tinkwadra l-ilment tagħha taħt waħda mill-irjus ta' diskriminazzjoni;

Illi di piu', leżjoni tal-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni** tista' tinstab biss jekk dan l-artikolu **jintrabat mat-tgawdija ta' xi dritt fundamentali ieħor** taħt il-Konvenzjoni. Ir-rikorrenti naqset ukoll milli tindika fit-tgawdija ta' liema dritt hija qiegħda allegatament tiġi diskriminata;

8. Illi fir-rigward tal-allegat ksur tal-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni**, dan ma ġiex sostnut bl-ebda mod fir-rikors in risposta. Fi kwalunkwe każ, l-esponenti jirrespinġu kull allegazzjoni ta' ksur da parti tagħhom ta' dan l-artikolu;

9. Illi fl-aħħarnett, f'dak li għandu x'jaqsam mal-allegat ksur tal-**artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**, jiġi eċċepit illi telf ta' salarju potenzjali ma jinkwadrax ruħu fid-definizzjoni ta' proprjeta' *ai termini* ta' dawn l-artikoli għaliex jonqos il-kriterju tal-possediment tal-proprjeta' da parti tar-rikorrenti;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

11. Bl-ispejjeż.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt ġjaladarba r-rikorrenti ma soffriet l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.'

Rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors u r-risposti, ix-xhieda, affidavits, dokumentazzjoni, e-mail, korrispondenza u l-bosta provi prezentati fl-atti.

Rat il-verbal taghha tal-15 ta' Dicembru, 2022 fejn din il-Qorti cahdet it-talba sabiex titqajjem eccezzjoni ulterjuri li l-Kummissjoni intimata mihiex il-legittimu kontradittur u dan ghar-raguni li fi kwalunkwe kaz din il-Qorti xorta wahda kienet tenut fl-analizi tal-fatti li tiddeciedi jekk l-intimati humiex kollha legittimi kontradritturi jew le.

Rat illi fil-verbal datat 8 ta' Novembru, 2023 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tar-rikors kostituzzjonali odjern ir-rikorrenti Carol Fenech, fis-sena 2019 bhala haddiema tac-civil ghas-sejha fil-posizzjoni ta' Assistent Direttur. Wara li ghaddiet mill-process tal-ghazla giet fil-fatt maghzula bhala Assistent Direttur f'dak li kien il-Ministeru ghall-Ambjent, Zvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima filwaqt li nghatat diversi responsabiltajiet fi hdan dak id-Dipartiment. Ir-rikorrenti tirrikonoxxi li fil-bidu tas-sena 2020 kien hemm tibdil fil-Ministeru u hi giet assenjata mal-Ministeru ghall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali. Skont ir-rikorrenti minn dan it-tibdil, tnehhewlha r-responsabbiltajiet taghha u hija ma nghatatx access ghall-mizuri godda tal-budget li kienu zdiedu fid-Dipartiment fl-2020, giet imwarrba mid-dezjonijiet li kienu jaqghu fir-responsabbiltajiet taghha u responsabbiltajiet taghha inghataw lill-persuna fi grad anqas minn taghha. Ir-rikorrenti ssostni li ma kien hemm l-ebda ragunu valida ghalfejn kellhom jitnehhew ir-responsabbiltajiet taghha u ghalkemm ghamlet diversi tentattivi sabiex ittejjeb is-sitwazzjoni tghid li sabiet resistenza minn dawk ta' fuqha b'dana li kienet qed tigi trattata b'mod differenti. Finalment tghid li minghajr ebda procedura jew forma ta' kommunikazzjoni, hija rceviet ittra minghad is-Segretarju Permanti Sharlo Camilleri li kienet qed tirrakomanda t-terminazzjoni tal-impieg taghha abbazi ta' "*unsatisfactory performance and unprofessional behaviour*". Din id-decizjoni giet minnha appellata u kkontestata quddiem il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku li izda wara d-debita procedura rrakomandat li d-decizjoni tigi konfermata. Ir-rikorrenti allegat ukoll diskriminazzjoni quddiem il-Kummissjoni Nazzjonali ghall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza liema talba izda wkoll giet rigettata. Konsegwentement ir-rikorrenti ntavolat ir-rikors kostituzzjonali odjern fejn qed titlob li din il-Qorti tiddikjara li gew lezi d-drittijiet fundamentali taghha fit-termini tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet fundamentali tal-Bniedem, l-artikolu 8 tal-istess, l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni u wkoll l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Talbet ghalhekk li din il-Qorti tiddikjara li konsegwenza ta' hekk hija soffriet danni fosthom

tnaqqis fis-salarju rizultat ukoll ta' *performance bonus* baxx w'ghalhekk talbet li din il-Qorti tillikwida l-kumpens u d-danni sofferti.

Illi da parti taghhom l-intimati l-Onorevoli Prim Ministru, il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbbliku u s-Segretarju Permanenti Ewlieni eccepew l-intempestivita tal-azzjoni stante li r-rikorrenti kien ghazlet li qabel din il-kawza tipprocedi wkoll quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amminsitrattiva fejn hemm ukoll id-dritt ta' Appell, id-dritt tar-rikorrenti li tressaq azzjoni fit-termini tal-artikolu 469 A tal-Kodici Civil, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li r-rikorrenti kienet gia kkontestat id-decizjoni permezz ta' appell quddiem il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, in-nebolosita' tat-talbiet fil-konfront tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku intimata u l-involviment limitat tal-istess Kummissjoni, jichdu t-talbiet kif indirizzati taht l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni u li l-allegat telf ta' salarju ma jaqax fid-definizzjoni ta' proprjeta' fit-termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 1 tal-protokoll numru 1 tal-Konvenzjoni.

L-intimati l-ohra Segretarju Permanenti ghall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar u s-Segretarju ghall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimal eccepew li s-Segretarju permanenti ghall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar mhuwiex il-legittimu kontradittur, l'intempestivita tal-kawza stante l-proceduri miftuha mir-rikorrenti quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, li r-rikorrenti naqset milli tezawrixxi r-rimedji kollha ordinarji disponibbli, li r-rikorrenti trid tispjega l-allegat ksur taht l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni u li fi kwalunkwe kas tali talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Ulterjorment eccepew li r-rikorrenti kellha l-opportunita' li tapella d-decizjoni quddiem il-Kumissjoni ghas-Servizzi Pubblici liema Kummissjoni wara li tat l-opportunita' lir-rikorrenti tressaq il-provi taghha, kkonfermat id-decizjoni. Ir-rikorrenti wkoll resqqet il-kaz taghha quddiem il-Kummissjoni Nazzjonali ghall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza fuq allegazzjoni ta' *gender discrimination* u li anki dik il-Kummissjoni cahdet l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti.

Rat l-affidavits, ix-xhieda u l-provi kollha dokumentarji esebiti mir-rikorrenti **Carol Fenech** fosthom l-affidavit taghha a fol. 82 et seq tal-process u l-kontro-ezami taghha a fol. 210 et se, fejn principalment tallega li malli nqasam il-Ministeru u gew appuntanti *Acting Director General* u segretarju permanenti gdid, dawn bdew iwarrbuha mir-responsabbiltajiet taghha billi anki ma jtuhiex access ghall-mizuri tal-*budget* (li skontha minghajrhom ma tistax tahdem), li dawn qalulha sabiex tikkoncentra biss fuq ix-xoghol tal-*Corporate Services* u li ghalkemm hija ghamlet diversi tentattivi sabiex tipprova tfiehem li hija kellha tigi nvoluta aktar, dawn l-appelli baqghu mhux mismugha minn dawk ta' fuqha u tghid:

'Spiccajt bit-titolu ta' Assistent Director minghajr lir-rwol u r-responsabiltajiet li jmorru mal-kariga.'

Ir-rikorrenti ssostni li f'mument minnhom hija giet ukoll mqabbla ma 'bidilla' mis-Segretarju Perment Sharlo Farrugia u li ghalhekk kellha toqghod ghal li jghidilha. Ir-rikorrenti tilmenta li l-fatt li hija ma kinitx qed tinghata xoghol fir-responsabbiltajiet taghha fil-*job description* taghha dan kien ifisser li kien ser ikollha wkoll telf finanzjarju fil-*performance bonus* taghha. Ir-rikorrenti ghalhekk tixhed li kienet qed tigi mwarrba u dak li kienet giet mahtura biex taghmel bhala Assistent Direttur ma baqghetx tista' taghmlu. Konsegwentement irceviet ittra minghand is-Segretarju Permanenti li l-impjieg taghha kien qed jigi terminat waqt il-perjodu ta' 'probation' u dan kif indikat fl-ittra esebita fol 58 fl-atti kif isegwi:

"*unsatisfactory performance and unprofessional behaviour*".

Hija appellat din id-decizjoni quddiem il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku li izda ma laqghetx it-talba taghha u rrakomandat li t-terminazzjoni tigi konfermata u wkoll ressqet ilment b'allegazzjoni ta' diskriminazzjoni abbazi tal-generu quddiem il-Kummissjoni Nazzjonali ghall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza li izda ma gietx milqugha.

Tikkonferma li nfethu proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li kopja taghhom gew esebiti fl-atti odjerni, liema proceduri jirrizulta lil din il-Qorti li fil-mori gew mibghuta quddiem din il-Qorti diversament preseduta abbazi ta' nuqqas ta' kompetenza. Finalment jirrizulta li r-rikorrenti rrivertiet lura ghall-iskala li kellha mas-Servizz Pubbliku u kif tixhed hi stess, fil-frattemp hija marret tahdem gewwa l-Mater Dei fil-grad ta' Principal Anzjan fejn issostni li x-xoghol taghha gie apprezzat hafna. Ir-rikorrenti tikkontesta l-allegazzjonijiet li hi ma kinitx tmur tajjeb mal-impjegati jew ma ta' fuqha anzi ssostni li kienet anki tghidilhom biex jikkuntattjawha jekk ikun hemm bzonn jekk ma tkunx ix-xoghol. Tixhed li flokha dahlet *Acting Director* ohra, mara certa Marcelle Agius.

Rat id-dokumentazzjoni kollha esebita mill-atti u provi migbura quddiem il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku u dawk tal-Kummissjoni Nazzjonali ghall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza u l-ezitu tal-istess proceduri fejn l-appell mid-decizjoni tat-terminazzjoni gie michud u l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni abbazi tal-generu giet ukoll michuda.

Rat partikolarment ix-xhieda riportata minn tali proceduri fosthom dik tal-*Acting Director General* **Saviour Debono Grech** (fol. 36 et seq) li jichad li b'xi mod ir-rikorrenti giet imwarrba minn responsabbiltajiet taghha anzi jinsisti li lanqas ir-responsabbiltajiet li kienet inghatat partikolarment dawk tal-Corporate Services ma kienet qeda taghmel sew. Dan ix-xhud jammetti li huwa bhala karattru xi ftit zorr u storbjuz izda jghid li dan huwa karattru minnu u mhux ghaliex ikun qed jghajjat jew jirrabja mal-impjegati. Jixhed li r-rikorrenti ma kinitx persuna facli sabiex tahdem maghha u ghalkemm kien ikollhom diversi laqghat sabiex jispjegawlha x'kien xogholha din kienet tibqa tinsisti li riedet taghmel xoghol iehor. Jghid ukoll li xoghol ta' rutina erronjament hija kienet tnizzlu bhala parti mill-mizuri tal-'Budget' bhal per ezempju it-tindif u dan sabiex jigi kalkolat ai fini tal-*performance bonus*. Rat li dan ix-xhud ma regax gie prodott quddiem din il-Qorti.

Rat ukoll ix-xhieda riportata ta' **Sharlo Camilleri**, Segretarju Permanenti f'dawk il-proceduri (fol. 30 et seq) kif ukoll l-affidavit tieghu fl-atti (fol. 178) u x-xhieda ulterjuri tieghu (fol. 227 et seq) quddiem din il-Qorti fejn fl-assjem ghalkemm jammetti li f'xi mument huwa uza l-kelma 'bidilla' jsostni li din ma kinitx diretta lejha izda ntuzat sabiex huwa jispjega lir-rikorrenti li hija trid toqghod ghall-ordnijiet li jtuha ta' fuqha u taghmel ix-xoghol li jkun hemm bzonn bhal ma kienet taghmel l-assistenta tieghu u kien f'dan il-kuntest li ntuzat il-kelma 'bidilla'. Is-Segretarju Permanenti xehed ukoll diversi drabi quddiem din il-Qorti fejn huwa cahad li r-rikorrenti ma kinitx qed tigi nvoluta fix-xoghol u li ma kinitx qed tinghata access ghall-mizuri tal-*budget* u bhala prova ta' dan jipprezenta fl-atti diversa kommunikazzjoni permezz ta' *e-mails* (ara fol. 238 et seq) li turi li r-rikorrenti kienet tigi kkuppjata b'direttivi u dokumentazzjoni relatati mal-*budget,* kif ukoll ma laqghat u diskussjonijiet li kien ser ikun hemm mat-tmexxija tal-Ministeru fosthom l-istess rikorrenti. Dawn l-*e-mails* partikolari jmorru lura ghall-bidu tas-sena 2020. Jghid li hu kien jaghmel minn kollox sabiex jipprova jfiehem lir-rikorrenti li x-xoghol li kien qed jinghatalha kien parti mill-*job description* taghha u li kellha tahdem fuq dak li ta' fuqha jindikawla u fejn hemm bzonn, izda hija kienet tibqa tinsisti ghal laqgha wara ohra b'hafna telf ta' hin. Izid ukoll li skont hu u kif kienu jghidulu impjegati li jaqghu taht ir-rikorrenti, din ma kinitx tmur tajjeb maghhom. Jikkonferma fix-xhieda tieghu li huwa ma kienx sodisfatt bix-xoghol tar-rikorrenti altrimenti ma kinitx tigi terminata waqt il-*probation.*

Rat ix-xhieda taz-zewg kollegi tar-rikorrenti li kienu jaqghu tahtha fis-sezzjoni tal-*accounts'* certi **Georgette Agius** (fol. 191 et seq u fol. 356 et seq) u **Kirsty Cassar** (fol. 409 et seq) fejn dawn taw ix-xhieda taghhom kemm quddiem il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku u wkoll quddiem din il-Qorti. Din il-Qorti rat li filwaqt li quddiem il-Kummissjoni dawn ix-xhieda kienu pjuttost vociferi kontra r-rikorrenti u jsostnu li ma kienet tghinhom xejn u ma kinitx taf xogholha, quddiem din il-Qorti aktar ma ftakrux milli ftakru partikolarment meta kkonfrontati b'*e-mails* mibghuta lilhom mir-rikorrenti. Ix-xhieda izda jibqghu jinsistu li r-rikorrenti ma kinitx taf xogholha sew ghal dak li huwa *accounts* u ftit li xejn kienet tkun

ta' ghajnuna ghalihom u kienet tghidilhom ibghatuli *e-mail* meta jmorru jistaqsuha. It-tnejn isostnu li l-komunkazzjoni maghha ghal dak li huwa xoghol ma kinitx wahda felici.

Illi mill-bosta provi migbura quddiem din il-Qorti jirrizultaw inkontestati l-provi segwenti:

i. Illi mill-1 ta' Lulju, 2019 ir-rikorrenti giet mahtura bhala Assistent Direttur fil-Ministeru ghall-Ambjent;

ii. Illi fl-*end of year performance* ghas-sena 2019 ir-rikorrenti rceviet il-marka ta' 9% minn massimu ta' 15%;

iii. Illi fil-bidu tas-sena 2020 il-Ministeru inqasam u r-rikorrenti giet assenjata fil-Ministeru ghall-Agrikoltura fejn f'dan il-punt inhatar certu Saviour Debono Grech bhala *Acting Director General* u Sharlo Camilleri. Huwa minn dan il-punt li r-rikorrenti bdiet tilmenta li kienet qed tigi mwarrba mill-assenjazzjoni tad-dmirijiet li ssostni li kienu nkluzi fil-*job description* taghha;

iv. Illi f'Gunju tas-sena 2020 is-Segretarju Permanenti permezz ta' ittra (esebita a fol. 58 tal-process) nforma lir-rikorrenti li l-impjieg taghha li kien ghadu fil-perjodu ta' prova kien qed jigi terminat bir-raguni moghtija tkun dik ta "*unsatisfactory performance and unprofessional behaviour*", b'dana li hija kellha tirriverti lura ghall-grad precedenti mal-istess Servizz Pubbliku:

'I refer to your Performance Agreement in connection with the position of Assistant Director (Rural Development) dated 6 September 2019, which position is subject to an initial one-year trial period starting from 1° July 2019.

This letter serves as a notification, pursuant to the provisions of para 1.8.8 of the Public Service Management Code, where I intend to terminate your probation period in the position of Assistant Director (Rural Development) as a result of unsatisfactory performance and unprofessional behavior.

Reference is made to the various instances where you were advised to rectify your position in connection with your post and to address issues which were not in line with your Performance Agreement. Unfortunately, and regretfully, these issues have not been addressed and hence the intention to terminate your probation is being made for the reasons outlined below.

With the recent restructuring of the Rural Affairs Department, a centralized office responsible for corporate services has been created to offer support to all the units falling within the Rural Affairs Department. As Assistant Director (Rural Development), you were assigned to lead a team and organize procedures that would allow for the smooth running of the Department's corporate services. On various occasions, you have failed to fulfil the role assigned to you claiming that you were to be assigned a different role with the Department. This attitude persisted throughout the probation period and your actions have created unnecessary distress on your co-workers. Your actions have also created an unnecessary burden on the department, particularly by decentralizing tasks that were to be executed by the office responsible for corporate services.

On numerous occasions, co-workers and sub-ordinates have reported lack of guidance and direction from your end. This has led to a precarious situation within the Department, where units had no choice but to seek direction directly from the Ministry's head office creating unnecessary burden on the Ministry's corporate services.

Furthermore, you have not fulfilled the tasks required in your position description, amongst which: to ensure organizational coherence, the elimination of any overlaps in the work performed and managing corporate services functions within the Department. As a consequence of your unsatisfactory performance, additional tasks that fell within the remit of your position could not be further assigned to your good self. Moreover, you have on multiple occasions, shown unprofessional and unethical behavior, failed to comply with direction or ruling given by your superiors and expressed your uneasiness to work with the Acting Director General and the undersigned.

You are hereby also being informed that you are entitled to appeal to the Public Service Commission against the decision taken within ten (10) working days from the date of this letter.'

v. Mhux kontestat li r-rikorrenti appellat id-decizjoni quddiem il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku li wara d-debita procedura rrakomandat li d-decizjoni tigi konfermata (ara fol. 75 tal-process) u wkoll li r-rikorrenti ressqet ilment quddiem il-Kummissjoni Nazzjonali ghall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (ara decizjoni a fol. 61 et seq tal-process) abbazi ta' diskriminazzjoni fuq il-generu izda dan l-ilment gie wkoll michud fejn gie dikjarat li ma nstabet ebda diskriminazzjoni.

vi. Ir-rikorrenti ntavolat kawza quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva dwar it-terminazzjoni tal-impjieg taghha bhala 'Assistent Direttur' liema procedura spiccaw gew mibghuta quddiem din il-Qorti diversament preseduta stante li t-Tribunal sab li ma kienx kompetenti. Dawn il-proceduri ghadhom pendenti sal-lum u kopja tal-

istess jinsabu esebiti fl-atti odjerni a fol. 281 et seq tal-process u t-talbiet fl-istess huma kif isegwi:

ʻ . .  titlob li dan l-Onorabbli Tribunal sabiex fl-ewwel lok tiddikjara li (1) t-terminazzjoni tal-kuntratt taʹ impjieg taʹ Assistent Direttur tar-rikorrenti kien bla bazi u abbuziv, kontra r-regoli taʹ gustizzja naturali, l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni ghall-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem (2) tirrevoka d-decizjoni tas-Segretarju Permanenti li giet ikkomunikata lis-socjetaʹ esponenti fit-30 taʹ Gunju 2020, u (3) tghati dawk il-mizuri kollha l i jidhrilha xierqa sabiex tirradrizza l-ingustizzja li sehhet fil-konfront tar-rikorrenti.ʹ (fol. 283 u 284)

vii. Ir-rikorrent fil-mori tal-proceduri suesposti ntavolat il-proceduri kostituzzjonali odjerni;

viii. Illi r-rikorrent rrivertiet ghall-grad precedenti taghha mas-Servizz Pubbliku u bhalissa tinsab taghti s-servizzi taghha Mater Dei fejn tghid li hemmhekk ix-xoghol taghha qed jigi apprezzat ferm.

**Eccezzjonijiet:**

**Intempestivitaʹ u nuqqas taʹ ezawriment tal-proceduri ordinarji:**

Illi z-zewg intimati jeccepixxu l-intempestivitaʹ tal-proceduri odjerni u non-ezawriment tal-proceduri ordinarji mir-rikorrenti. Fʹdan ir-rigward il-Qorti rat li dak li r-rikorrenti qed tallega pemezz tar-rikors odjern huwa ksur tad-drittijiet fundamentali taghha li ebda Kummissjoni jew Tribunal ma ghandu kompetenza li jiddeciedi dwarhom. Hija fil-fatt biss din il-Qorti fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha li ghandha l-poter li tiddeciedi dwar dawn l-allegazzjonijiet, ghalhekk nonostante l-proceduri pendenti originarjament mibdija quddiem it-Tribunal taʹ Revizjoni Amministrattiva, din il-Qorti tqis li l-proceduri odjerni ma jistghux jitqiesu bhala intempestivi wʹlanqas li r-rikorrenti ma ezawrietx ir-rimedji

ordinarji. Dan ovvjament ma jfissirx li din il-Qorti neccessarjament ser tilqa' l-pretensjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrenti izda biss li hija tenuta fil-ligi li tisma' u tiddeciedi dan l-ilment. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati f'dan ir-rigward.

**Legittimi Kontraditturi:**

Illi dwar l-intimata Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, din il-Qorti rat li ghalkemm ir-rikorrent allegat li b'xi mod ma nghatatx smiegh xieraq fil-proceduri quddiem din l-istess Kummissjoni fil-premessi tar-rikors, finalment hija ma ressqet l-ebda talba relatata mal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Rat ukoll li fl-atti ma tressqu l-ebda provi dwar dawn l-allegazzjonijiet anzi r-rikorrenti stess xehdet li l-proceduri odjerni ma kienux intizi fil-konfront tal-Kummissjoni intimata. Din il-Qorti ghaldaqstant temmen li verament il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku f'dawn il-proceduri mihiex il-legittimu kontradittur u giet imharrka ghal xejn b'dana li ser tilliberaha mill-osservanzja tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Dwar l-intimat Segretarju Permanenti Ministeru ghall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar din il-Qorti rat li r-rikorrenti stess taqbel u ma tikkontestax il-fatt li f'Jannar 2020 hija kienet giet assenjata lill-Ministeru ghall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali u din l-assenjazzjoni mill-atti mkien ma jidher li giet b'xi mod kontestata minnha. Kellu jkun ghalhekk car ghar-rikorrenti li l-Ministeru l-iehor intimat ma kellux jigi ntimat f'dawn il-proceduri stante li wkoll mhux il-legittimu kontradittur. Din il-Qorti ghalhekk ser tghaddi skoll sabiex tillibera lis-Segretarju Permanenti Ministeru Ambjent, Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar mill-osservanza tal-gudizzju.

**Mertu:**

Illi principalment permezz tar-rikors odjern ir-rikorrenti tilmenta li l-intimati agixxew b'mod diskriminatorju fil-konfront taghha. Hija telenka partikolarment ir-ragunijiet segwenti ghall-pretensjoni taghha:

1. Li skontha ma kinitx qed tinghata r-responsabbiltajiet kollha li kienu jaqghu taht il-*job description* taghha anzi kienet giet limitata biss ghall-*Corporate Services* u li uhud mir-responsabbiltajiet taghha kienu qed jighataw lill-persuna ta' grad anqas minnha;

2. Li ma kinitx qed tinghata informazzjoni dwar il-mizuri l-godda tal-*Budget* sabiex hija tkun f'posizzjoni li tibda tahdem fuqhom u rizultat ta' dan bghata l-*Performance Bonus* taghha;

3. Principalment hija twahhal fis-Segretarju Permaneti Charlo Farrugia u l-*Acting Assistant Director* Saviour Debono Grech li bl-agir taghhom ikkomettew diskriminazzjoni billi cahhduha milli taghmel xogholha u wkoll li s-Segretarju Permanenti uza kliem dispregattiv fil-konfront taghha u ssemi l-kelma 'bidilla'.

Illi l-Qorti rat li l-pretensjonijiet ta' diskriminazzjoni da parti tar-rikorrenti huma pjuttost konfuzjonarji fis-sens li f'partijiet minnhom hija tidher li qed tallega diskriminazzjoni fil-konfront taghha abbazi tal-generu ghaliex ntuza certu kliem fil-konfront taghha. Minn naha l-ohra f'parti ferm akbar tal-process hija jidher li qed tallega diskriminazzjoni ghaliex giet trattata b'mod divers minn persuni ohra fl-istess posizzjoni taghha u cioe dak ta' Assistent Direttur.

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti taghmel referenza ghas-sottomissjonijiet tal-intimati fejn sostnew li d-diskriminazzjoni ntiza fl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni giet dikjarata li ma tregix waheda fis-sens li d-disposizzjonijiet tal-artikolu 14 ma jregux wahedhom izda jridu jaghmlu referenza wkoll u jallaccjaw ma xi allegat ksur iehor ta' drittijiet fundamentali taht il-Konvenzjoni. F'dan ir-rigward il-Qorti rat li r-rikorrenti apparti l-artikolu 14 tallega ksur tad-drittijiet fundamentali taghha taht l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea cioe' id-dritt ghall-hajja privata u taht l-artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-istess u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni li huwa dritt ghat-tgawdija libera tal-proprjeta'.

Illi ghandu jigi rilevat li fil-kaz odjern permezz tal-ittra ta' terminazzjoni, r-rikorrenti ma tilfitx l-impjieg taghha mas-Serviz Pubbliku izda li sehh kien li hija rrivertiet ghall-grad li kellha qabel cioe' dak ta' Principal Anzjan fejn ovvjament il-paga tkun xi naqra anqas. Dwar telf ulterjuri hija ssostni li konsegwenza li tnaqqsulha d-dmirijiet taghha allura gie affetwat il-persentagg moghti lilha bhala *performance bonus* biex b'hekk ukoll kien hemm nuqqas finanzjarju da parti taghha.

Illi dwar in-nuqqas fil-paga u telf ta' introjtu fil-*performance bonus* analizzati abbazi ta' allegata diskriminazzjoni fuq bazi tal-generu, din il-Qorti ma sabiet imkien xi provi fl-atti li jevidenzjaw li persuni ta' generu divers mir-rikorrenti li jghaddu mill-istess sitwazzjoni bhar-rikorrenti, cioe' li jigu mwaqqfa mill-impjieg tul iz-zmien ta' prova, gew trattati b'mod divers minnha. Jekk din kienet l-intenzjoni jew il-pretensjoni tar-rikorrenti permezz tar-rikors taghha certament ma tressqux provi sodisfacjenti fl-atti ghalhekk abbazi ta' hekk it-talbiet tar-rikorrenti mhumiex gustifikati.

Illi dwar in-nuqqas fil-paga u telf ta' introjtu fil-*performance bonus* analizzati abbazi ta' allegata diskriminazzjoni 'like with like' din il-Qorti wkoll ma sabet l-ebda prova fl-atti li tevidenzja li Assistenti Diretturi ohra

li setghu ghaddew mill-istess procedura ta' terminazzjoni bhal ma ssehh fil-kaz tar-rikorrenti gew trattati b'xi mod divers. Dwar il-fatt li hija nghatat persentagg ta' *performance bonus* baxx li se mai ir-rikorrenti ma taqbilx mieghu, din il-Qorti ma tqisx li din hija materja ta' ksur ta' drittijiet fundamentali izda aktar kwistjoni ta' nuqqas ta' qbil bejn min ihaddem u r-rikorrenti dwar il-kwalita' tax-xoghol tar-rikorrenti. Din il-Qorti mihiex il-forum adatt fil-ligi sabiex tezamina din il-kwistjoni.

Illi l-Qorti rat illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti hija wkoll li setghet giet diskriminata b'tali mod li ma nghatatx xoghol ta' Assistent Direttur, xoghol li suppost jinghata lill-Assistent Direttur skont il-*job description.* Illi mill-provi mressqa fl-atti jirrizulta lil din il-Qorti li l-mansjonijiet u r-responsabbiltajiet ta' Assistenti Diretturi jigu finalment decizi u mqassma minn dawk ta' fuqhom u cioe' d-Direttur jew/u s-Segretarju Permanenti skont il-Ministeru jew Dipartiment li jkunu gew assenjati fih. Din il-Qorti temmen li certament jekk il-*job description* telenka numru ta' responsabbiltajiet dan ma jfissix li f'kull dipartiment jew ministeru Assistent Direttur ser ikollu dawn il-mansjonijiet kollha anki ghaliex dan jiddependi fuq il-kompetenza u x-xoghol tal-istess dipartiment jew ministeru. Ghalhekk din il-Qorti ma tqis li kien gustifikat il-fatt li r-rikorrenti baqghet xahar wara xahar tinsisti li hija kellha tinghata aktar mansjonijiet skont il-*job descrpition* taghha meta effettivament dak li kien gie moghti lilha cioe' l-*Corporate Services* kien gia jaqa' fl-istess. Din il-Qorti ma sabet l-ebda prova fl-atti li turi li Assistenti Diretturi ohra ma' kienux ukoll jinghataw mansjonijiet limitati u mhux dak kollu mnizzel fil-*job description* kif tipretendi r-rikorrenti. Illi in oltre, ghalkemm fl-atti r-rikorrenti tallega li r-responsabbiltajiet taghha waqt li hija kienet Assistent Direttur kienu qed jinghataw lil impjegata fi grad anqas minnha, fl-atti ma tressqet l-ebda prova dwar dan anzi ammettiet hi stess li x-xoghol ta' *Corporate Services* kien jaqa' fil-grad taghha.

Illi apparti mis-suespost, l-istess rikorrenti fix-xhieda taghha ammettiet li wara li twaqqfet hi, x-xoghol taghha inghata lill-persuna ohra femminili

fl-istess grad taghha u cioe' dak ta' Assistent Direttur. Ghalhekk din il-Qorti ma tara li sehhet l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti anki f'dan ir-rigward.

Illi dwar l-allegazzjoni tar-rikorrenti li ma kinitx qed tinghata access ghall-mizuri tal-*Budget*, irrizulta mill-provi fl-atti partikolarment mill-*e-mails* esebiti mis-Segretarju Permanenti Sharlo Farrugia li dan ma kienx minnu. Fil-fatt johrog li certament fl-ewwel perjodu tas-sena 2020 hija kienet qed tigi kkupjata flimkien ma' ohrajn b'dawn il-mizuri u bil-laqghat dwar l-istess u huwa car ghal din il-Qorti li kien hemm tentattiv sabiex hija tigi nvoluta. Ma tressqitx prova dwar jekk sarux aktar komunikazzjoni f'dan is-sens fiz-zmien aktar tard fis-sena 2020 ghalkemm ir-rikorrenti tixhed li ma kienx hemm, filwaqt li izda tammetti li hija kellha bosta laqghat mas-Segretarju Permenenti u mal-*Acting Director.*

Illi minn analizi tal-provi fl-atti din il-Qorti tqis li aktar milli jirrizulta li sehhet xi tip ta' diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti l-provi juru li l-probabilta' kienet aktar li konsegwenza tal-insistenza xi naqra zejda mir-rikorrenti mas-superjuri taghha li hija tinghata xoghol differenti minn dak li kienet inghatat, jew aktar xoghol oltre dak li inghatat, liema insistenza jidher li damet ghaddejja xhur, il-komunikazzjoni bejniethom bdiet tiddeterjora anki ghaliex jidher li r-rikorrenti ma riditx taccetta l-ordnijiet taghhom, li tajjeb jew hazin kellhom grad ghola minnha fl-istruttura tat-tmexxija tal-post tax-xoghol in kwistjoni. Din id-deterjorazzjoni fil-komunikazzjoni jidher li sehhet ukoll bejn ir-rikorrenti u l-impjegati ta' tahtha b'tali mod li l-funzjoni u xoghol tad-dipartiment beda jbaghti l-konsegwenzi. Din il-Qorti izda tqis li dak suespost ma jekwivalix ghal diskriminazzjoni izda se mai seta jwassal lill-partijiet ghall-disputa industrijali bejniethom liema disputa din il-Qorti ma ghandhiex il-gurisdizzjoni sabiex tgharbel u tiddeciedi dwarha.

Illi minn naha l-ohra din il-Qorti tqis ukoll, b'referenza ghall-attitudni ta' Saviour Debono Grech, ammessa minnu stess, li mhux bizzejjed li wiehed jinheba wara l-iskuza tal-karattru sabiex jiggustifika l-ghajjat fuq il-post tax-xoghol u jidher li din l-attitudni ma kinitx biss mar-rikorrenti izda mal-impjegati kollha. Ghalhekk mhix kwistjoni ta' diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti, izda hija aktar kwistjoni li din il-persuna trid tieqaf tinheba wara l-iskuza tal-karattru u trazzan ftit l-ghajjat u t-tempra taghha fuq ix-xoghol. Din il-Qorti izda ma tqisx li kien dan li wassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti jew ghal xi trattament divers.

Illi dwar l-uzu tal-kelma 'bidilla', ghalkemm din il-Qorti wara li rat il-provi kollha fl-atti tasal sabiex tifhem il-kuntest li ntuzat mis-Segretarju Permanenti Sharlo Farrugia, tqis li l-istess Segretarju Permanenti seta jaghzel kelma naqra aktar adatta ghall-posizzjoni tar-rikorrenti sabiex jiddeskrivi x-xoghol li xtaq minnha filwaqt li tqis ukoll li r-rikorrenti nnifisha kabbret ftit iz-zejjed dan l-incident flok baqghet ghaddejja b'xogholha u ghamlet hilitha sabiex taghmel sew ix-xoghol assenjat lilha.

Illi minn dak kollu suespost il-Qorti ma sabet ebda evidenza ta' diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent kif allegat b'dana li t-talbiet taghha abbazi tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea kif allaccjati mal-artikoli l-ohra indikati fit-talbiet taghha ma jirrizultawx. La darba ma tirrizulta l-ebda l-allegata diskriminazzjoni li hija l-bazi tal-ilment kostituzzjonali odjern jirrizulta li t-talbiet l-ohra fir-rigward tal-artikolu 8, artikolu 1 tal-protokoll numru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 37 tal-process li huma konsegwenzjali wkoll ma jirrizultawx u l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna billi:

(i) tilqa' l-eccezzjoni tal-intimati fejn isostnu li l-intimat Segretarju Permanenti tal-Ministeru Ambjent, Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar mhux il-legittimu kontradittur filwaqt li tiddikjara wkoll li l-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku mihiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

(ii) tichad dawk l-eccezzjonijiet tal-intimati li jqajjmu l-intempestivita u n-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti;

(iii) Tilqa' l-eccezzjonijiet rimanenti tal-intimati sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak hawn deciz;

(iv) Stante li ma sabet l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif indikati fit-talbiet taghha, tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**

**03 ta' Ottubru, 2024**

**Cora Catania**

**Deputat Reġistratur**

**03 ta' Ottubru, 2024**